# GARANZIJI LEGALI

**Minimu ta' sentejn garanzija legali ta' protezzjoni** għal oġġetti mibjugħa fl-Unjoni Ewropea.

Il-konsumaturi jistgħu jitolbu d-drittijiet tagħhom skont il-garanzija legali tal-konformità, pereżempju jekk l-oġġetti:

- ma jaqblux mad-deskrizzjoni;
- ma jaħdmux kif suppost.

**Il-bejjiegħa huma responsabbli** għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità li kien jeżisti meta l-oġġetti ġew ikkonsenjati, u li jibda jidher fil-perjodu tal-garanzija legali. Il-bejjiegħa f'sitwazzjoni bħal din huma meħtieġa joffru:

- **tiswija b'xejn** jew **sostituzzjoni b'xejn**;
- f'xi każijiet, **tnaqqis fil-prezz** jew **rimborż sħiħ**.

Xi pajjiżi għandhom perjodu ta' garanzija legali itwal. Għall-oġġetti użati, jista' japplika perjodu iqsar, iżda mhux inqas minn sena.

Għal aktar informazzjoni dwar drittijietek f'pajjiż speċifiku, skennja l-kodiċi QR hawn taħt jew staqsi lill-bejjiegħ.

europa.eu/youreurope/garanziji

## X'għandek tagħmel
### jekk tirċievi oġġetti mhux konformi:

1. Ikkuntattja lill-bejjiegħ malajr kemm jista' jkun biex jirrapporta l-problema.
2. Ipprovdi prova tax-xiri, bħal riċevuta, fattura, jew dikjarazzjoni bankarja.

GARAN

Il-bejjiegħa u l-produtturi jistgħu joffru wkoll garanziji kummerċjali, li japplikaw indipendentement mill-garanzija legali. Pereżempju, tista' tara din it-tikketta GARAN li tirrappreżenta **garanzija kummerċjali ta' durabbiltà** offruta mill-produttur mingħajr ebda kost addizzjonali u li tkopri l-oġġett kollu.